MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2013

Numru 51/2011

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR JOSRIC MIFSUD)**

**VS**

**JOSEPH XERRI ta’ 67 sena bin John u Catherine nee’ Grima, imwieled Xewkija nhar il-11 ta’ Mejju 1946, residenti fil-fond numru 10, Triq Santa Teodora, Xewkija u detentur tal-karta ta’l-identita’ 42646(G)**

**Illum, 12 ta’ Settembru 2013**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Xerri fejn huwa gie akkuzat talli gewwa dawn il-Gzejjer bejn Gunju 2010 u is-07 ta' Mejju 2011, gewwa 10, Triq Santa Teodora, Xewkija, Ghawdex u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'eghmil zieni:

a) Bil-hsieb li jaghmel delitt cioe', bil-vjolenza jikkometti stupru fuq il-persuna ta' ***Elizbetta Catherine Assunta Aquilina***, ta' dsatax-il (19) sena, ta' sess femminili ta' nazzjonalita' maltija wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, jew li dan ir-reat sar kontra membru domestiku, liema persuna ma setghetx tirresisti minhabba mard tal-mohh jew tal-gisem.

b) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta'l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija ***Elizbetta Catherine Assunta Aquilina*** ta' dsatax-il (19) sena kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bhala mezz sabiex hija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u li dan ir-reat sar kontra membru domestiku;

c) Fl-istess jum, lok hin u cirkostanzi ikkometta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-istess imsemmija persuna cioe' ***Elizbetta Catherine Assunta Aquilina*** ta' dsatax-il (19) sena.

d) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil persuna u cioe' ***Elizbetta Catherine Assunta Aquilina*** u xi persuni ohra u b'mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna msemmija u/jew persuni ohra.

e) Ukoll talli nhar is-07 ta' Mejju 2011 volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ***Elizbetta***

***Catherine Assunta Aquilina*** hekk kif iccertifika Dr. J. Galea MD.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tas-27 ta’ Frar 2012.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’mod ewlieni bl-attentat ta’ stupru fuq il-persuna ta’ ***Elizbetta Catherine Assunta Aquilina*** ta’ dsatax-il (19) sena u dana huwa rifless fin-nota ta’ rinviju ta’l-Avukat Generali fejn l-ewwel artikoli tal-ligi indikati huma l-artikolu 41 u l-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali, liema tentattiv ta’ reat sehh fid-dar residenzjali ta’l-imputat.

Illi l-elementi legali li jikkostistwixxu r-reat ta’l-isturpru huma tnejn u cioe’ irid ikun hemm il-kongungiment karnali u dana irid isir bi vjolenza u ghalhekk minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali, Appell numru 51/2003 deciz fl-4 ta’ Settembru 2003 gie deciz madanakollu: “Biex ikun hemm ir-reat ta’ stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shiha, w l-icken bidu ta’ konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jisussisti r-reat.” Illi f’dana il-kaz ghalkemm ma kienx hemm evidenza ta’ penetrazzjoni, izda sinjali biss ta’ tbaghbis, l-Qorti xorta wahda sabet lill-persuna akkuzata hatja ta’ tentattiv ta’ stupru.

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta’ reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: “Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b’atti esterni u jaghti bidu ghall-

esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. Jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi.

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tentattiv u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:
**"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the *mens rea*, nor if it goes no further than the stage of preparation."**

Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta’ dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:
**“So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution.”**

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Godfrey Ciangura deciza fl-10 ta’ Gunju 2002 jinghad:
**“Fuq id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghal bidu ta’l-esekuzzjoni tad-delitt inkitbu volumi shah; u hafna huma wkoll dawk it-teoriji li gew proposti biex jghinu lill-gudikant jasal biex jigbed linja ta’ demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi. … Fil-fatt, pero’, il-Qrati taghna, qatt ma intrabtu ma’ xi teorija wahda partikolari, u dan peress li kull teorija tista’ tghid li ghandha id-difetti taghha. U fir-realta’ il-linja ta’ demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi wiehed jista’ aktar isibha billi japplika l-buon sens fl-analizi tal-fatti li jkunu rrizultaw fl-isfond tar-reat partikolari li tieghu ikun qed jigi allegat li kien hemm**

**tentattiv milli billi jintrabat ma' xi teorija partikolari. Din il-linja ta' pratticita' giet proposta, fost ohrajn, mill-gurista Petrocelli. Fi kliem Antolisei:**
***'Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l' insigne penalista ha sostenuto che l'atto esecuttivo si ha quando il mezzo o, meglio, l'energia destinata a produrre l'offesa inerente al reato, e' messa in opera secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio delle'esperienza, deve trarre l'idea e i caratteri dell'azione che e' "propria" di cisacun delitto della relattiva fattispecie e, quindi cogliere il momento dinamico che dell'azione stessa esprime l'inizio e pone in essere l'atto esecutivo.***'

Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat.

Illi mill-provi akkwizti l-vittma ***Elizbetta Catherine Assunta Aquilina*** fix-xhieda taghha taghti s- segwenti *iter* ta' kif sehhew il-fatti fil-mument li allegatament giet abbuzata minn zijuha.
1. Kienet bil-qieghda tara it-televizjoni meta f'hin minnhom gie zijuha minn warajha.
2. Qabadha minn taht sidirha u ghannaqha mieghu.
3. Biesha fuq hugbejha.
4. Beda irossha mieghu u qalilha il-kelma "sabiha".
5. Ipprova ibusha.

Hawnhekk il-parti leza tallega illi espressjoni ta' wicc zijuha u hekk kif hasset il-parti privata tieghu iebsa maghha, hija indunat illi huwa ried ikollu x'jaqsam maghha. Izda iktar 'il quddiem fix-xhieda taghha meta terga' tigi mistoqsija jekk l-imputat qalilhiex xi diskors li bih hija setghet tifhem li ried jaghmel l-att sesswali maghha, hija twiegeb u tghid illi huwa qalilha kliem fis-sens illi "ried jaghmel maghha." Minn hawn tghid li telqghet tigri 'il barra mid-dar. Jidher illi l-imputat hareg warajha fejn hemmhekk komplew jiggieldu tant illi l-parti leza sofríet xi griehi

f'idejha u f'wiccha. Illi tghid ukoll illi cemplet lil ommha u qaltilha iccempel lill-pulizija ghax kienu qed jiggieldu. Wara ftit wasal il-boyfriend taghha li f'dak iz-zmien kien ighix maghha id-dar ta' zijuha l-imputat. Wara ftit ukoll wasslu l-pulizija u qaltilhom b'dak li kien gara.

Il-Qorti tistqarr minnufih illi l-parti leza tidher li kienet recticenti sabiex tispega dak li kien isehh ma' zijuha. Ghall-ewwel tistqarr illi zijuha ipprova jabbuzaha minnha xi darba jew darbtejn ohra qabel dana l-incident, izda ma tiftakarax x'gara, izda iktar 'il quddiem fix-xhieda taghha donnha timplika illi din kienet xi haga regolari u hi kienet iccempel lill ommha sabiex tghidilha illi zijuha kien qed jara il-films pornografici u wara jipprova jinfexx fiha, izda ommha ma kenitx temmen. Fuq mistoqsija mid-difiza, madanakollu hija imbaghad tghid illi ma' ommha kienet miggielda u li kienet ilha xi sena ma tkellimha u cioe' miz-zmien meta hija kienet telqghet mid-dar u marret tghix ma' zijuha l-imputat. Tghid illi kienet tipprova iccemplilha izda ommha ma kenitx twegibha. Finalment issostni illi kien meta inqala' dana l-incident illi hija kienet gharrfet lil ommha b'dak li kien qed jigri izda ommha ma emmnithiex. Tkompli tghid illi hija ma qalet lil hadd b'dak li kien qed jigri lanqas lill-gharus taghha li kien ighix maghhom f'dak iz-zmien ghax hu ma kienx ser jemminha u lil ommha ma riedetx tghidilha ghax kienet tibza' minnha. Fl-ahhar hija tistqarr li lestha li tahfer lil zijuha ghal dana l-incident[1].

Illi il-Qorti semghet mix-xhieda prodotti ir-retroxxena piuttost turbolenti ta' dana il-kaz. Jidher illi l-parti leza Elizbetta Aquilina hija it-tifla addottiva ta' oht l-imputat u ir-ragel taghha. Hija giet adottata mir-Rumanija meta kellha ftit inqas minn sitt snin. Mix-xhieda ta' Mary Jane Aquilina u cioe' tal-omm, jidher illi t-trobbija ta' din it-tifla kienet wahda turbolenti billi il-minuri kellha hafna problemi fl-imgieba taghha, problemi ta' agressivita, nuqqas ta' intelligenza u nuqqas ta' komunikazzjoni. Fil-fatt jidher illi minn eta zghira dina it-tifla kienet diga bdiet tigi segwieta minn psikjatra u social workers. Progress fl-iskola ma kienx isir u meta ghalqet it-tmintax-il sena ommha tghid illi

[1] Ara xhieda ta' Elizabeth Aquilina a fol.33 et. seq.

kienet titlaq spiss mid-dar u tmur tghix ma' xi irgiel. Tghid ukoll illi anke bdiet tisirqilhom il-flus u tigdeb. Mary Jane Aquilina tichad illi hija kienet ilha ma tkellem lit-tifla taghha u li qatghet il-kuntatt maghha. Issostni illi kien fuq suggeriment tat-tifla u l-gharus taghha li huma marru ighixu ghand l-imputat u kien ilhom biss madwar gimgha ighixu hemm meta inqala' dan l-incident. Issostni illi fil-jum ta' dana il-kaz kien l-gharus ta' Elizabeth li cemplilha u qalilha illi kienet hebbet ghalihom u kienet qed tiggieled maghhom. Kien ghalhekk illi hija iddecidiet iccempel lill-pulizija.[2]

Dana jigi ikkonfermat ukoll minn Daniel Bugeja li isostni illi Elizabeth kienet infurmatu illi zijuha kien taha fastidju. Ghalhekk huma marru ikellmuh flimkien izda hi telqghet tigri 'il barra u meta marru warajha din bdiet isawwathom. Ighid li tat daqqa ta' ponn lil zijuha u anke refghet idejha fuqhom. Ghalhekk kien qal lil ommha sabiex iccempel il-pulizija. Meta wasslu l-pulizija sabuhom gewwa ghax hu kien qieghed idewwi lill-imputat mid-daqqa li kienet tatu Elizabeth fuq wiccu.[3]

Illi minhabba l-probemi li dina t-tfajla kienet afflitta minnhom sa minn mindu kienet ghadha tifla zghira, l-Qorti innominat lil Dr. Joseph Vella Baldacchino bhala espert psikjatriku sabiex jaghmel assessment psikjatriku ta' Elizabeth Aquilina. Illi fir-rapport tieghu l-espert ighid:

"Meta ezaminajt lil Elizabeth Aquilina hi kienet liebsa b'mod addatat u approprjat ghal tfajla ta'l-eta taghha anke jekk kienet tidher xi ftit izghar meta tqies l-eta taghha. Gabet ruhha sewwa u irrispondiet ghal mistoqsijiet tieghi b'mod spontanju, koerenti u approprjat. L-elokju taghha kien forsi daqsxejn semplici izda xorta setghet tfisser ruhha sew. Il-burdata taghha kienet tajba u ma kienx hemm evidenza ta' xi dipressjoni jew malinkonija.

Ma kien hemm l-ebda evidenza ta' disturbi tal-hsieb jigifieri ma kien hemm l-ebda evidenza ta' xi psikozi jew

[2] Ara xhieda ta' Mary Jane Aquilina a fol.74 et. seq.
[3] Xhieda ta' Daniel Bugeja a fol.128

distakk mir-rejalta. Ma irrizultax li kien hemm xi disturb tal-percezzjonijiet ta’l-ebda modalita jigifieri ma kenitx qieghda tbati minn l-ebda allucinazzonijiet ta’l-ebda tip.”

L-espert ighid illi mix-xhieda li sema’ u in-noti klinici ta’ Aquilina irrizultalu illi hija kienet tbati minn debbolezza mentali hafifa (Mild Mental Subnormality). Madankollu ikompli:

“Jirrizulta izda mill-intervista mal-pazjenta kif ukoll mill-ezami psikiku li minkejja certu limitazzjonijiet, Elizabeth kienet kapaci izzomm konversazzjoni koerenti minkejja l-fatt li d-diskors taghha kien xi ftit semplici u mhux elaborat. Setghet tfisser ruhha sewwa b’mod approprjat u xi kultant b’uzu ta’ ewfemizmu. Ta’ min wiehed isemmi li minkejja il-limitazzjonijiet konjittivi kif ukoll akkademici taghha hija dehret li kienet “street wise” u li kellha certu esperjenza tal-hajja. Jidher li ghamlet progress f’diversi kampi aktar ma ghadda z-zmien.”

Jikkonkludi:

“Elizabeth tbati minn debolezza mentali hafifa u allura tista’ tkun vulnerabbli ghal xi abbuzi minn terzi, jigifieri tista’ tkun suggestibbli izda fl-istess hin hija persuna li kienet esposta ghal diversi esperjenzi tal-hajja li b’xi mod jikkompensaw ghall-limitazzjonijiet intellettiva u konjittiva taghha.”[4]

Illi dwar il-kundizzjoni psikjatrika ta’ Elizabeth Aquilina xehed ukoll Dr. Anton Grech, psikjatra kuranti ta’ Aquilina li xehed illi Elizabeth kienet giet riferuta ghandu minhabba li kellha xi problemi bil-vizzju tad-droga. Ighid madanakollu illi ma kienx qed jara koperazzjoni minn naha taghha, li mhijiex persuna ‘reliable’. Ighid illi kien hemm zmien meta kienet ghadha minuri meta kien isegwieha fejn kien osserva illi hija kienet tbati minn kundizzjoni ta’ *mild mental subnormality* u kellha *behavioural problems* mal-genituri taghha. Ighid illi l-genituri taghha kienu ilmentaw

[4] Ara rapport ta’ Dr. J Vella Baldacchino a fols.148 sa 156

mieghu li kien hemm episodji fejn din kienet tkun aggressiva maghhom.[5]

Illi minn dana kollu jirrizulta illi Elizabeth Aquilina hija tfajla li sfortunatament batiet minn problemi socjali kbar tant illi affettwawlha il-kapacitajiet mentali taghha u anke l-imgieba taghha. Illi hija giet addottata mir-Rumanija meta kienet ghadha tifla zghira u meta wasslet Ghawdex ghand il-genituri taghha hija diga kienet afflitta minn diversi problemi socjali u psikologici li ma gewx indirizzati minnufih. Illi l-genituri taghha indunaw b'dawn il-problemi mill-imgieba taghha maghhom u anke l-iskola u jidher illi ghamlu l-almu taghhom biex dawn jigu indirizzati minn nies professjonali. Madanakollu jidher illi Elizabeth ma tantx hadet frott mill-kura li kienet tinghata tant illi kibbret u baqghet afflitta minn problemi ta' intelligenza baxxa u per konsegwenza problemi ta' imgieba ma' terzi, tant illi illum jidher illi ghandha problemi ohra fil-hajja taghha bhal problema ta'droga u anke nuqqas ta' stabbilita'. Fil-fatt jidher illi hija ma tantx kellha relazzjoni tajba ma' ommha u spiss kienet tahrab mid-dar u sfortunatament tinghata kenn minn ghand nies li ma tantx setghu joffrulha ghajnuna. Hija stess tghid illi gieli harrbet anke ma' rgiel mizzewwgin u dana kontra ir-rieda ta' ommha. Illi kienet anke bdiet tghix f'appartament mal-gharus taghha Daniel Bugeja, izda minhabba fi problemi finanzjarji huma inghataw kenn temporanju mill-imputat fejn imbaghad sehh l-allegat abbuz li tirrakonta Elizabeth fix-xhieda taghha.

Illi ghalkemm Elizabeth hija pesuna kif diga inghad li ghandha diversi problemi fl-imgieba u il-hajja taghha, madanakollu hija baqghet dejjem isostni il-versjoni taghha illi l-imputat kien jaghtiha fastidju sesswali u anke kien jesprimi ix-xewqa li ikollu x'jaqsam maghha. Dana tghidu mhux biss lill-pulizija u lill-ispetur Josric Mifsud meta tigi mitkellma meta sehh il-kaz in dizamina, izda tibqa' issostni dana anke meta tixhed quddiem din il-Qorti u terga' ittenni l-istess meta mitkellma mill-espert psikjatriku Dr. Joseph Vella Baldacchino. Mir-rakkont taghha jidher illi l-imputat

[5] Ara xhieda a fol. 136 sa 138

ghalkemm kien jipprova imissha u anke jistedinha sabiex taghmel l-att sesswali mieghu, madanakollu ma jidhirx illi huwa qatt sforza ruhu fuqha u meta hija wrietu li ma kenitx qed tiehu pjacir bl-attenzjoni tieghu, ma hemmx provi fl-atti li jindikaw illi l-imputat kien ikun aggressiv maghha jew kien jinsisti maghha biex jissodisfa iz-ziena tieghu. Ghalhekk ghalkemm l-imputat jichad kemm fl-istqarrija tigehu, kif ukoll meta jixhed fil-Qorti illi huwa kien ta fastidju lil Elizabeth, il-Qorti hija tal-fehma illi huwa mhux qieghed ighid is-sewwa u temmen illi l-verzjoni ta' Aquilina hija wahda iktar konsistenti u kredibbli. Illi dina l-fehma tal-Qorti hija imsahha bir-rapport ta'l-espert psikjatriku li ighid illi ghalkemm Aquilina tbati minn dina l-kundizzjoni ta' debolizza mentali, madanakollu jidher illi mill-esperjenzi tal-hajja hija saret, kif ighid l-espert, 'street wise' u ghalhekk ma hijiex certament ser tigi facilment abbuzata minn terzi.

Illi maghdud dana kollu, madanakollu, l-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat qatt ma jista' jinsab hati tar-reat tat-tentattiv ta' stupru. Dana ghaliex, kif gie spjegat iktar 'il fuq, ghalkemm l-imputat esprima ix-xewqa li ikollu avventura sesswali ma' Aquilina u wera dan b'atti esterni, madanakollu dawn qatt ma jistghu jikkostitwixxu il-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt ta' stupru. Il-fatt illi l-imputat qabad lil Aquilina minn taht sidirha ghannaqha mieghu, biesha fuq hugbejha u qalilha xi diskors suggestiv, certament ma humiex atti li jistghu jigu ikkunsidrati bhala tali li iwasslu ghal kummissjoni tar-reat ta'l-istupru li huwa l-kongungiment karnali bi vjolenza u kontra r-rieda tal-vittma. Dana certament ma giex ippruvat f'dana il-kaz u kwindi lanqas t-tentattiv ta'l-istess ma jista' jirnexxi billi l-ebda att maghmul mill-imputat ma jista' qatt remotament jikkostitwixxi il-bidu ta'l-esekuzzjoni tar-reat ta'l-istupru.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qed jigi addebitat bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 207 tal-Kapitolu 9 u cioe' tal-attentat vjolenti ghal pudur. Illi l-element kostituttiv ta' dana ir-reat huwa l-volonta' ta'tnejn minn nies iridu ikunu opposti kif jirrikjedi il-Carrara fid-definizzjoni li huwa jaghti ta' dak li

jikkostitwixxi l-attentat vjolenti ghal pudur. Difatti f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gerald Cassar (deciza fit-18 ta' Lulju 1959) gie deciz:

"***L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)"***

***"Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.***"

Illi ma hemmx dubbju illi l-atti kommessi mill-imputat jikkostitwixxu dana ir-reat u dana ghaliex l-volonta ta' Elizabeth Aquilina kienet opposta ghal dak li ried u xtaq l-imputat. Hija issostni illi ma kienetx qed tiehu pjacir bl-avvanzi ta' zijuha u ghalhekk telqghet tigri 'il barra. Tant hu hekk illi sabet lill-gharus taghha u qaltlu immedjatament b'dak li kien sehh, izda dan qajla emminha. Illi kif diga inghad l-imputat qabad lil Aquilina minn taht sidirha, rassha mieghu u anke biesha fuq hugbejha u dana mhux b'xi sinjal ta' affezzjoni izda bi skop zieni. Illi ghalkemm l-imputat jichad li mess lin-neputija tieghu, izda kif gie puntwalizzat u spjegat iktar 'il fuq il-Qorti ma temmnux u taghti iktar pis lil dak li tixhed Aquilina li fl-ebda mument ma cediet u ma irtirat dak li kienet allegat fuq zijuha ghalkemm tghid li haffritlu. Dana certament jammonta ghal dak li jirrikjedi il-ligi ghal kummissjoni ta' dana ir-reat bl-aggravvju ikkontemplat l-artikolu 202(h)(v) billi l-vittma f'dana il-kaz kienet tirrisjedi ma'l-imputat.

Illi l-Avukat Generali fin-nota tiehu ta' rinviju ghal gudizzju jindika ukoll l-artikolu 251A(1)(a) tal-Kapitolu 9. Il-ligi tiddisponi:

(1) Persuna li iggib ruhha:
(a) b’mod li taghti fastidju lil persuna ohra,
(2) Ghall-fini ta’ dan l-artikolu, persuna li tkun qeghda iggib ruhha b’mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta’ persuna ohra jekk fil-qjies ta’ persuna ragonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra.

Il-ligi issemmi zewg cirkostanzi u cioe’ dik fejn l-azzjoni tkun kjarament wahda ta’ fastidju u cirkostanzi ohra fejn il-persuna li tkun qed taghmel l-azzjoni imissha ragjonevolment tkun taf illi dik l-azzjoni minnha maghmula tkun qed tohloq fastidju lil persuna ohra. Ovvjament dana il-fastidju irid ikun sehh f’iktar minn okkazzjoni wahda ghaliex il-ligi tuza il-kelma ‘imgieba’ li fil-gurisprudenza nostrana giet interpretata li tfisser ‘a course of conduct’[6]

Illi l-vittma tirrakkonta illi dina l-imgieba minn naha ta’ zijuha sehhet f’iktar minn okkazzjoni wahda, izda ma hijiex cara dwar dak li sehh u meta allegatament sehhu dawn l-incidenti l-ohra. Meta hija tigi intervistata mill-espert tal-Qorti il-psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino hija tirrakkontalu episodju iehor li sehh qrib il-Milied tas-sena 2010. Madanakollu dan ma issemmiehx meta tixhed u tidher tittituba sabiex tispjega ezattament dak li kien sehh ghalkemm issemmi illi zijuha kien ihobb jara l-films pornografici u wara dan kien jipprova jinfexx fiha. Illi fid-dawl ta’ dawn il-provi dubbjuzi, il-Qorti ma tistax issib htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi u l-imputat ser jigi illiberat minnha billi ma hux car jekk l-azzjonijiet tieghu fuq Aquilina kenux ‘a course of conduct’ jew jekk l-incident tas-07 ta’ Mejju 2011 kienx incident izolat.

Finalment l-imputat huwa akkuzat ukoll bis-sekwestru tal-persuna a tenur ta’l-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi:

“Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li

[6] Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Parnis deciza mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fl-24/04/2009

jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, …”.

Illi mix-xhieda ta’ Elizabeth Aquilina jirrizulta illi fl-ebda mument l-imputat ma ipprova izommha kontra r-rieda taghha. Jidher, kif tghid hija stess, illi hija harget tigri ‘il barra mid-dar u ghalhekk kienet libera illi titlaq minghajr l-ebda xkiel. Illi l-griehi illi hija sofríet f’idejha u fuq xofftejha jirrizulta illi gew ikkagjonati iktar tard meta filwaqt illi kienu barra it-triq, hija bdiet tiggieled ma’ zijuha tant illi skond ix-xhieda ta’ Daniel Bugeja anke xejritlu daqqa ta’ harta fuq wiccu u ikkagjonatlu xi griehi. Fil-fatt anke it-tabib Joseph Galea li ezamina lil Aquilina ighid illi l-maggior parti tal-griehi kienu jikkonsistu fi grif u ma kenux kompatibbli ma’ xi hadd li qed jinzamm mill-polz ta’ idejh b’forza ghaliex l-ebda tbengil jew marki ta’ swaba ma kien hemm f’din il-parti. Ghaldaqstant dina l-akkuza ma tirrizultax sufficjentement ippruvata u l-imputat ser jigi illiberat minnha.

Illi fid-dawl ta’ dan ma hemmx dubbju allura illi fit-taqtiegha li kien hemm bejn l-imputat u Aquilina huwa ikkagunalha griehi hfief. Billi l-griehi kienu minimi u Aquilina fix-xhieda taghha tiddikjara li qed tahfer lil zijuha ghal dana l-incident, ghalkemm dana huwa kaz ta’ vjolenza domestika, l-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit ghar-rigward ta’ dina l-akkuza fid-dawl tal-mahfra maghmula mill-parti offiza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, ghalkemm dana kien kaz bejn membri ta’l-istess familja u ghalhekk japplika dak dispost fil-proviso ghall-artikolu 544(c) tal-Kapitolu 9, madanakollu l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni il-mahfra maghmula mill-parti offiza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 207 u 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni u r-raba akkuzi migjuba il-konfront tieghu u filwaqt li tiddikjara il-procediment ezawrit fir-rigward tas-sitt akkuza, issib lill-imputat hati biss tat-

tielet akkuza, tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina is-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €274.24 in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------